MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 223/2011

**Coleiro General Supplies Limited (C-3429)**

**Vs**

**Demis Cachia (ID.178175M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf u erba’ Euro u sebghin centezmu (€1,004.70) rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta’ xiri ta’ merkanzija kkonsejata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, skont kif jirrizulta mill-‘*istatement*’ anness mat-talba ( Dok A) liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut minkejja nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv inkluz l-ittri legali datati 9 ta’ Lulju 2010 u 31 ta’ Jannar, 2010 izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-28 ta’ April, 2011 mill-Avukat Dr. Rachel Montebello.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghhu quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------